



# Komponent għall-Infurzar tal-Politika WiFi4EU

## Gwida ta' Implimentazzjoni v1.1

### Werrej

1. Daħla .....	2
2. Appoġġ mill-browser.....	2
3. <i>Data</i> miġbura .....	2
4. Prerekwiżiti tal-installazzjoni .....	2
5. Installazzjoni tal-isnippet .....	3
5.1 Inklużjoni tal-isnippet fil-paġna tal-portal.....	3
5.2 Speċifikazzjoni tal-identifikatur tan-netwerk.....	3
5.3 Speċifikazzjoni tal-lingwa tal-portal .....	3
5.4 Eżempju tal-isnippet b'valuri ta' kampjunar .....	5
5.5 Installazzjoni tal-identità viżiva tal-WiFi4EU .....	5
5.6 Id-daqs u l-ippożizzjonar tal-identità viżiva tal-WiFi4EU.....	5
5.7 "Walled garden" .....	5
6. Modus tal-awtotest .....	6
6.1 L-attivazzjoni tal-modus tal-awtotest .....	6
6.2 Validazzjoni ta' installazzjoni tal-isnippet .....	7
6.3 Validazzjoni tal-identità viżiva.....	7
6.4 Id-deattivazzjoni tal-modus tal-awtotest.....	8
7. Solvien tal-problemi.....	9

# 1. Daħla

Kull netwerk ta' installazzjoni tal-WiFi li jipparteċipa fil-WiFi4EU għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet iddikjarati fil-Ftehim ta' Għotja u l-annessi applikabbli. Dan jimplika konformità ma' ċerti rekwiżiti rigward l-identità viżiva tal-UE, l-użu u l-kwalità tan-netwerk. Il-Kummissjoni Ewropea (KE) qed tivverifika l-konformità tan-netwerks parteċipanti billi tipprova "Komponent għall-Infurzar tal-Politika", magħruf ukoll bħala "l-isnippet".

L-isnippet hija parti ta' kodiċi tal-JavaScript li teħtieġ li tiġi integrata fil-paġna tal-portal magħluq tan-netwerk parteċipanti. Tivverifika l-konformità tal-portal kaptiv f'termini ta' identità viżiva, tgħodd in-numru ta' utenti u tkejjel il-veloċità tal-konnessjoni u l-latenza. Il-KE tiġbor din id-data biex timmonitorja l-istat operattiv u l-użu tal-installazzjoni tal-WiFi, b'hekk tippermetti validazzjoni operattiva qabel il-ħlas b'vawċer jew irkupru potenzjali f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

Sabiex tivvalida jekk portal kaptiv huwiex konformi, huwa possibbli li l-isnippet tintuża f'modalità "awtotest", li tipprova rispons dettaljat dwar il-validazzjoni tal-portal u l-installazzjoni tal-isnippet. Il-KE ma tiġborx id-data tal-awto-test.

## 2. Appoġġ mill-browser

L-isnippet hija miktuba bi plain vanilla JavaScript u taħdem fuq il-browsers tal-web riċenti u użati l-aktar.

## 3. Data miġbura

L-isnippet tiġbor id-data li ġejja:

- Identifikatur tan-netwerk
- Metrika tal-ħin tat-tniżżil tal-paġna
- Validazzjoni tal-installazzjoni tal-isnippet
- Riżultati tal-validazzjoni tal-portal
- Test tal-metrika tan-netwerk (darba kull darba li titniżżel paġna n)

L-isnippet ma tiġbor l-ebda *data* personali dwar l-utent, bħal *userId*, *passwords*, indirizzi tal-IP, eċċ.

## 4. Pre-rekwiżiti tal-installazzjoni

Sabiex l-isnippet tiġi stabbilita sew, hija meħtieġa xi informazzjoni li hija disponibbli fil-portal tal-Fornitur tal-WiFi4EU – Rapport tal-Installazzjoni għal kull installazzjoni tan-netwerk tal-WiFi4EU:

- **UUID tan-netwerk WiFi4EU:** L-Identifikatur Uniku Universali (UUID) li l-KE attribwixxiet lill din l-installazzjoni tan-netwerk WiFi4EU. Huwa ġġenerat meta l-installazzjoni tan-netwerk tinħoloq fir-Rapport tal-Installazzjoni u ma tistax tinbidel.
- **Indirizz tal-IP/Medda:** L-indirizz tal-IP pubbliku jew il-medda tal-indirizzi tal-IP li minnha l-isnippet se tibgħat id-data ta' monitoraġġ lill-KE. Dan l-indirizz/medda se jingħata/tingħata xi privileġġi fil-firewall tal-ġbir tad-data tal-KE biex jeskludi/teskludi l-komunikazzjoni minn sorsi mhux magħrufa.

- Isem tal-portal kattiv: il-Uniform Resource Locator (URL) tal-paġna tal-portal kattiv fejn tkun se tiġi integrata l-isnippet. Il-KE se tivverifika l-konformità ta' din il-paġna mar-rekwiżiti tal-WiFi4EU.

## 5. Installazzjoni tal-isnippet

### 5.1 Inklużjoni tal-isnippet fil-paġna tal-portal

Kull installazzjoni tan-netwerk tal-WiFi4EU li hija rrapportata fir-Rapport tal-Installazzjoni, jeħtieġ li jkollha l-paġna tal-portal kattiv tagħha stess. Il-kodiċi li ġej għandu jitqiegħed fin-naħa ta' fuq tat-tikketta `<head>` ta' dik il-paġna tal-portal:

```
<script type="text/javascript">
    var wifi4euTimerStart = Date.now();
    var wifi4euNetworkIdentifier = 'NETWORK_IDENTIFIER';
    var wifi4euLanguage = 'PORTAL_LANGUAGE';
</script>
<script type="text/javascript" src="https://collection.wifi4eu.ec.europa.eu/wifi4eu.min.js"></script>
```

Biex tikseb metriċi korretti, huwa importanti li l-kodiċi jkun jinsab fin-naħa ta' fuq tat-tikketta `<head>`. L-ispazji riżervati għall-varjabbli għandhom jiġu sostitwiti bil-valuri korretti kif spjegat fil-paragrafi li ġejjin.

### 5.2 Speċifikazzjoni tal-identifikatur tan-netwerk

Identifikatur tan-netwerk għandu jiġi pprovdut bħala varjabbli fil-`<head>` tal-paġna tal-portal li tissostitwixxi l-ispazju riżervat tan-'NETWORK\_IDENTIFIER'. Il-wifi4euNetworkIdentifier ipprovdut għandu jkun ta' tip string u għandu jikkorrispondi mal-identifikatur uniku (UUID) tal-installazzjoni tan-netwerk WiFi4EU kif indikat fir-Rapport tal-Installazzjoni.

Pereżempju: `var wifi4euNetworkIdentifier = '123e4567-e89b-12d3-a456-426655440000';`

### 5.3 Speċifikazzjoni tal-lingwa tal-portal

Il-placeholder tal-'PORTAL\_LANGUAGE' għandu jkun issettjat għall-kodiċi tal-lingwa korrett li fih jiġi servut il-kontenut tal-paġna tal-portal. Il-kodiċi tal-lingwa għandu jkun wieħed mill-24 kodiċi tal-lingwa predefiniti (1):

Il-lingwa	Il-kodiċi	Il-lingwa	Il-kodiċi	Il-lingwa	Il-kodiċi	Il-lingwa	Il-kodiċi
il-Bulgaru	bg	l-Estonjan	et	l-Irlandiż	ga	il-Portugiż	Pt
il-Kroat	hr	il-Finlandiż	fi	it-Taljan	it	ir-Rumen	Ro
iċ-Ċek	cs	il-Franċiż	fr	il-Latvjan	lv	is-Slovakk	Sk
id-Daniż	da	il-Ġermaniż	de	il-Litwan	lt	is-Sloven	Sl
l-Olandiż	nl	il-Grieg	el	il-Malti	mt	l-Ispanjol	Es
l-Ingliż	en	l-Ungeriż	hu	il-Pollakk	pl	l-Iżvediż	Sv

(1) Il-kodiċi tal-lingwa skont il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali uffiċjali

Komponent qĥall-Infurzar tal-Politika WiFi4EU – Gwida ta' Implimentazzjoni v1.1

Pereżempju: `var wifi4euLanguage = 'en';` meta l-paġna tal-portal tidher bl-Ingliż.

## 5.4 Eżempju tal-isnippet b'valuri ta' kampjunar

Dan huwa eżempju tal-isnippet b'valuri ta' kampjunar għan-`'NETWORK_IDENTIFIER'` u l-placeholders tal-`'PORTAL_LANGUAGE'`:

```
<script type="text/javascript">
    var wifi4euTimerStart = Date.now();
    var wifi4euNetworkIdentifier = '123e4567-e89b-12d3-a456-426655440000';
    var wifi4euLanguage = 'en';
</script>
<script type="text/javascript" src="https://collection.wifi4eu.ec.europa.eu/wifi4eu.min.js"></script>
```

## 5.5 Installazzjoni tal-identità viżiva tal-WiFi4EU

Sabiex tkun konformi mar-rekwiżiti tal-WIFI4EU, il-paġna tal-portal għandu jkun fiha placeholder speċifiku li se jintuża mill-isnippet biex tiddaħħal immaġni tal-identità viżiva. L-isnippet tniżżel l-identità viżiva korretta skont is-setting tal-lingwa kif definit mill-parametru tal-`wifi4euLanguage`.

Il-placeholder tal-identità viżiva għandu:

- Ikollu `wifi4eubanner` bħala HTML id għall-element `img`
- Ikollu dimensjonijiet oriġinali tal-wisa' u l-għoli
- Ma jikkoinċidix ma' element ieħor
- Ikun viżibbli
- Ikun fil-viewport malli jillowdja
- Ma jkollu l-ebda opaċità applikata

Biex tinstalla l-identità viżiva, daħħal il-kodiċi li ġej fl-HTML tal-paġna tal-portal tiegħek: `<img id="wifi4eubanner">`

## 5.6 Id-daqs u l-ippożizzjonar tal-identità viżiva tal-WiFi4EU

Sabiex tkun konformi mar-rekwiżiti tal-WIFI4EU, l-identità viżiva għandha dejjem tkun viżibbli mal-pageload. Fir-rigward tad-daqs tal-identità viżiva, il-proporzjon tal-aspett oriġinali għandu jiġi rispettat.

Fuq daqsijiet differenti ta' viewport hemm rekwiżiti differenti għall-identità viżiva:

- Fuq viewports iżgħar minn 600px fil-wisa': l-identità viżiva għandha tiegħu mill-inqas 90 % tal-wisa' tal-viewport
- Fuq viewports minn 600px u usa': l-identità viżiva għandha tiegħu mill-inqas 50 % tal-wisa' tal-viewport

Id-daqs u l-ippożizzjonar għandhom jiġu applikati fuq il-placeholder tal-identità viżiva billi tuża CSS.

## 5.7 "Walled garden"

"Walled garden" jikkonsisti minn riżorsi tal-web aċċessibbli qabel ma utent ikun ġie awtentikat permezz tal-portal. Sabiex l-isnippet tiffunzjona sewwa, l-indirizzi li ġejjin għandhom jingħataw xi privileġġi fil-"walled garden":

<https://collection.wifi4eu.ec.europa.eu>

<https://wifi4eucollectorprod.azurewebsites.net/api/PortalCollector>

Dan għandu jiġi kkonfiguratur fuq is-Server tal-Access għan-Network (NAS, Network Access Server) li jipprovdi l-funzjonalità tal-hotspot.

## 6. Modus tal-awtotest

### 6.1 L-attivazzjoni tal-modus tal-awtotest

Fornitur ta' WiFi4EU jista' jittestja jekk l-isnippet hijiex installata sewwa u jekk il-portal tagħha huwiex konformi billi jippermetti l-modus tal-awtotest tal-isnippet. Meta taħdem fil-modus tal-awtotest:

- Ma tintbagħat l-ebda *data* lill-KE
- L-ebda metrika ma hija kkalkulata
- Ir-riżultati tal-validazzjoni huma murija fil-konsol tal-iżviluppatur tal-browser
- Twissija viżiva tintwera fuq il-paġna tal-portal li tindika li l-isnippet qed taħdem fil-modus tal-awtotest

Minbarra l-identifikatur tan-network u l-varjabbli tal-lingwa, il-`var selftestModus = true;` għandu jidded fil-paġna tal-portal.

Eżempju tal-installazzjoni tal-isnippet fil-modus tal-awtotest:

```
<script type="text/javascript">
    var wifi4euTimerStart = Date.now();
    var wifi4euNetworkIdentifier = '123e4567-e89b-12d3-a456-426655440000';
    var wifi4euLanguage = 'en';
    var selftestModus = true;
</script>
<script type="text/javascript" src="https://collection.wifi4eu.ec.europa.eu/wifi4eu.min.js"></script>
```

Dan huwa eżempju tal-konsol tal-iżviluppatur meta l-isnippet tkun qed taħdem fil-modus tal-awtotest:

```
----- Policy Enforcement Component selftest modus activated -----  
-----  
---- Validating snippet installation ----  
---- Snippet timer correctly installed. ----  
---- Snippet language correctly installed. ----  
---- Snippet networkIdentifier is correctly installed ----  
---- Validating snippet installation end ----  
-----  
---- Validating portal compliance ----  
---- Validating WiFi4EU logo ----  
---- Viewport larger than 600px detected, make sure to repeat this test in a smaller viewport ----  
srcCheck: true  
existsCheck: true  
typeCheck: true  
aspectRatioCheck: true  
widthToViewportCheck: false  
opacityCheck: true  
visibilityCheck: true  
overlapCheck: true  
completelyInViewPortAfterLoadingCheck: true  
---- => Logo requirements check FAILED => non-compliant portal. ----  
---- Validating WiFi4EU Text ----  
contentCheck: true  
existsCheck: true  
typeCheck: true  
visibilityCheck: true  
overlapCheck: true  
---- Validating portal compliance end ----  
-----  
---- Summary ----  
---- The Policy Enforcement Component is correctly installed. ----  
---- The portal is NON-compliant with WiFi4EU regulations. ----  
-----
```

## 6.2 Validazzjoni ta’ installazzjoni tal-isnipet

Jitwettqu l-validazzjonijiet li ġejjin biex tiġi vvalutata l-installazzjoni korretta tal-isnipet:

- Il-varjabbli `wifi4euTimerStart` hija inizjalizzata qabel l-illowdjar tal-isnipet? Dan huwa kruċjali għall-ġbir tal-metriċi dwar il-proċess tal-illowdjar tal-paġna.
- Il-varjabbli `wifi4euLanguage` huwa inizjalizat qabel it-tniżil tal-isnipet u l-kodiċi tal-lingwa speċifikat jaqbel ma’ wieħed mill-24 kodiċi tal-lingwa predefiniti?
- Il-`wifi4euNetworkIdentifier` huwa speċifikat sew? Dan se jintuża biex jidentifika l-installazzjoni tan-netwerk tal-WiFi4EU li miegħu hija marbuta din id-data ta’ monitoraġġ.

## 6.3 Validazzjoni tal-identità viżiva

Isiru għadd ta’ validazzjonijiet biex jiġi vverifikat jekk l-identità viżiva tal-Wifi4EU hijiex murija sew fil-paġna tal-portal kattiv. Ir-risultat ta’ kull validazzjoni jintwera bħala `veru` jew `falz`. Veru tfisser li l-validazzjoni għaddiet b’suċċess.

Il-modus tal-awto-test jirritorna l-parametri li ġejjin rigward il-validazzjoni tal-identità viżiva:

Parametru	Użu
verifika tal-src	Issettja għal <code>veru</code> jekk l-injezzjoni tal-attribut tal-logo src fil-placeholder kienet ta’ suċċess.
existsCheck	Issettja għal <code>veru</code> jekk element HTML bl-attribut <code>wifi4eubanner</code> huwa preżenti fuq il-paġna.
verifika tat-tip	Issettja għal <code>veru</code> jekk l-element identifikat minn <code>wifi4eubanner</code> huwa tat-tip <code>img</code> .
aspectRatioCheck	Issettja għal <code>veru</code> jekk l-element identifikat mill- <code>wifi4eubanner</code> għandu l-

Komponent għall-Infurzar tal-Politika WiFi4EU – Gwida ta' Implimentazzjoni v1.1

	proporzjon korrett tal-wisa' mal-għoli.
viewportWidthCheck	Issettja għal veru jekk l-element identifikat mill-wifi4eubanner għandu l-wisa' korretta fir-rigward tal-viewport.
opacityCheck	Issettja għal veru jekk l-element identifikat mill-wifi4eubanner għandu l-opaċità stabbilita għal 1.
visibilityCheck	Issettja għal veru jekk l-element identifikat mill-wifi4eubanner huwa viżibbli fil-viewport mat-tniżżil tal-paġna.
overlapCheck	Issettja għal veru jekk l-element identifikat minn wifi4eubanner ma jikkoinċidix ma' element ieħor.

## 6.4 Id-deattivazzjoni tal-modus tal-awtotest

Il-modus tal-awtotest għandu jintuża biss għall-awtovalidazzjoni tal-portal. Wara li tkun temmejt l-awtotest, neħħi s-setting `var selftestModus = true;`, sabiex l-isnipet ikun qed jopera f'modalità normali u d-data ta' monitoraġġ tintbagħat kif suppost lill-KE



## 7. Solvien tal-problemi

### Problema Potenzjali:

L-isnippet hija installata sewwa fil-`<head>` tal-portal iżda mhux qiegħda tillowdja. Dan jista' jiġi rilevat billi tmur fuq it-tab tan-netwerk fl-għodda tal-iżviluppatur tal-browser.

### Soluzzjoni:

Jekk jogħġbok iċċekkja jekk id-domain li fuqu hija ospitata l-isnippet huwiex disponibbli meta l-utent ikun għadu mhux illoggjat fih. Dan jista' jinkiseb billi id-domain jiżdied mal-whitelist jew mal-"walled garden". Il-post fejn hija ospitata l-isnippet għandu jkun aċċessibbli qabel ma tilloggja fi u tirċievi aċċess sħiħ għall-internet.

### Problema Potenzjali:

L-isnippet hija installata u lloadjata kif suppost iżda l-wiri ta' riżultati ta' validazzjoni tal-awtotest jew l-imbuttar ta' riżultati ta' validazzjoni jjeħu ħafna ħin.

### Soluzzjoni:

Neħħi l-assi kollha li jillowdjaw bil-mod mis-sit web. L-isnippet jitqanqal mill-avveniment `window.onload` mibdi mill-browser meta l-assi kollha (immaġni, fajls...) tad-dokument tal-portal `HTML` jiġu lloadjati.

Fil-każ ta' kwistjonijiet bl-installazzjoni jew bit-tħaddim tal-isnippet, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Helpdesk tal-WiFi4EU kif indikat fil-portal tal-WiFi4EU.